

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali Taljana Nru 906507 tat-trade mark figurattiva "GRAZIA", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 16, 18, 25 u 38; applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 1714146 tat-trade mark figurattiva "GRAZIA", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 16, 18 u 38; applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Taljana Nru 1049965 tat-trade mark verbali "GRAZIA", għal prodotti fil-klassi 16; applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Taljana Nru 1050165 u applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade marks internazzjonali Nru 276829, Nru 276833 and Nru 817006 għat-trade marks ta' hawn fuq, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16 jew 38

Deċżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi

Deċżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2012 — Sanofi vs UASI — GP Pharm (GEPRAL)

(Kawża T-493/12)

(2013/C 26/113)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sanofi (Pariġi, Franza) (rappreżentant: C. Hertz-Eichenrode, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: GP Pharm, SA (Sant Quinti de Mediona, Spanja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-5 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 201/2012-2; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "GEPRAL", għal prodotti fil-klassi 5 — Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1010832 li tkopri l-Unjoni Ewropea

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: reġistrazzjoni internazzjonali Nru 418607, fis-seħħ fl-Awstrija, tat-trade mark verbali "DELPRAL", għal prodotti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa fl-intier tagħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ u ppermetta r-reġistrazzjoni internazzjonali fl-intier tagħha

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2012 — Biscuits Poult vs UASI — Banketbakkerij Merba (Biscuits)

(Kawża T-494/12)

(2013/C 26/114)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Biscuits Poult (Montauban, Franza) (rappreżentant: C. Chapoullié, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Banketbakkerij Merba BV (Oosterhout, il-Belġju)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla jew tal-inqas tirrifirma d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-2 ta' Awwissu 2012 fil-Każ R 914/2011-3;

— tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li rrikonossiet il-validità tal-Mudell Nru 001114292-0001;

— tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità rreġistrata taħt ir-referemza ICD 000007120; u

— tikkundanna lill-kumpannija Banketbakkerij Merba BV għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: Mudell ta' gallettina li fin-nofs hija mdewba, għal gallettini fil-klassi 01-01 — Mudell Komunitarja Nru 001114292-0001

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti